*Messaġġ mill-Grupp ta' l-Armar ...*

# Triq iż-Żekka l-Qadima fl-Imgħoddi.

**Denis A. Darmanin**





Triq iż-Żekka fl-1897

Sa mill-bidu tal-eżistenza tagħha, l-Belt Valletta ġiet mgħonija b'ħafna djar u palazzi kbar u sbieħ. Għall ewwel, l-istil arkitettoniku tal-bini fil-Belt ma kienx dak li nafuh illum, iżda aktar jixbaħ dak li kienu ġabu magħhom minn Rodi l-Kavallieri u li nterpretaw ħafna minnu fil-bini tal-Birgu sa ma bnew u ġew fil-belt il-ġdida msemmija wara l-Gran Mastru Jean Parisot de Valette.

L-arkittettura hekk imsejħa Barokka daħlet f'Malta fit-tieni nofs tas-seklu sittax u baqgħet sa l-aħħar tas-seklu dsatax. Il-Barokk fl-arkittetura m'hu xejn ħlief l-iskoperta u l-addozzjoni ta' l-istil arkitettoniku klassiku Ruman, li għal sekli shaħ kien intilef u reġa' ġie skopert, studjat u addatat għall-bini, speċjalment fil-belt ta' Ruma.

Bħal kull parti tal-Belt, fis-sezzjoni li tifforma l-parroċċa tagħna nbnew ħafna djar kbar u lussużi u wkoll bereġ tal-Kavallieri stess. ħafna m'għadhomx magħna għax jew ġew imġarfa fis-seklu dsatax u flokhom imbnew binjiet oħra jew għax ġew meqruda mill-bombi tal-għadu fil-gwerra tal-1938-45. Waħda mill-aktar toroq li tilfu binjiet kienet Triq l-Ifran li fosthom ukoll iġġarfu parti mil-knisja tagħna u l-kunvent.

Ħassejt li kelli nagħżel triq partikolar. Għażilt it-Triq iż-Żekka li tiġi wara' l-knisja u l-kunvent għas-sempliċi raġuni li hi t-triq li noqgħod fiha.

**TRIQ IŻ-ŻEKKA**

Fil-bidu, l-Ordni semma' t-triq Strada San Sebastiano, li fis-seklu sbatax bidluh għall Strada della Zacca. Fis-sentejn li għamlu hawn, il-Franċiżi tawha l-isem ta' Rue de la Monnaie, l-Ingliżi warajhom dak ta' Old Mint Street, sa ma waslet għall-isem li nafuha bih illum. L-isem oriġinali, imħabba li f'din it-triq kien hawn iż-Żekka tal-Ordni, jew aħjar fejn kienu jinħadmu l-flus għal Malta.

Fis-sena 1570, il-Lingwa Franċiża ta' l-Ordni ħadet art li fuqha bniet l-ewwel Berġa ta' Franza, pero' fl-1588 il-Kavallieri franċiżi ħassu li dan il-post kien żgħir ħafna. Huma riedu jmexxu l-Berġa għall-bini li kellu l-kavallieir Balliju Fra Christopher le Bolver di Montgauldry fil-kantuniera ta' Triq Nofs in-Nhar u Triq l-Ifran. Fl-1604, l-Berġa l-qadima ntużat ukoll mill-kavallieri tal-ġermanja għal ftit taż-żmien.

Wara li l-kavallieri ġermaniżi telqu minn hemm, il-proprjeta' b'numri 2 u 3 inkriet mill-Franċiżi lit-Teżorerija għas-somma ta' 65 Scudi fis-sena. Billi l-Franċiżi reġgħu ġew bżonn tal-bini,






C. Azzopardi & Sons
**Jewellers and Manufacturers**
**Since 1898**
***http://www.cazzopardisons.com***
**SPECIALIZING IN: GEM & DIAMOND JEWELLERY, SAMOURAI CULTURED PEARLS & PEARL JEWELLERY, FABERGÈ COLLECTION, MODERN & ANTIQUE SILVER, SWISS WATCHES**
**18, Zachary Street, Valletta. TEL: 21238215 FAX: 21248166**




**PROĠETT TA' DAMASK FIL-KNISJA.**
Kull min jixtieq jgħin f'dan il-Progett jista' jiddepożita l-kontribut tiegħu fl-
**Account no**
**APS Bank 2000055689-4** Grazzi


D'AMATO
Music Shop
THE BEST IN HOME ENTERTAINMENT FOR MORE THAN A HUNDRED YEARS






**Compact Discs, Cassettes & Videos**
**98/99, St. John Street, Valletta.**
**Telephone 21234348**